

Brussell, 21 ta' Settembru 2017
(OR. fr)

Fajl Interistituzzjonali:
2016/0281 (COD)

11654/1/17
REV 1 ADD 1

CODEC 1308
DEVGEN 187
ACP 91
RELEX 694
ECOFIN 678
CADREFIN 87
ASIM 91
MAMA 158
COEST 216
COAFR 227

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Abbozz ta' Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi l-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Sostenibbli (EFSD), il-Garanzija tal-EFSD u l-Fond ta' Garanzija tal-EFSD (l-ewwel qari) - Adozzjoni tal-att leġislattiv = Dikjarazzjoni

Dikjarazzjoni mil-Lussemburgu

Rigward *"il-Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Sostenibbli (EFSD) u li jistabbilixxi Garanzija tal-EFSD u l-Fond ta' Garanzija tal-EFSD"*, il-Lussemburgu jqis li bla dubju setgħet inkisbet regolamentazzjoni aktar b'saħħitha u li tiegħu iktar kont tal-pożizzjonijiet tal-Kunsill, kieku l-Istati Membri ngħataw aktar żmien biex janalizzaw id-dokumenti tan-negozjati u jippreparaw għal-laqgħat tal-Coreper.

Il-Lussemburgu jiddispjaċih li l-pakkett propost jagħti wisq importanza lill-migrazzjoni meta mqabbel mal-kooperazzjoni għall-iżvilupp, u jkompli jirreferi għall-migrazzjoni fis-sens wiesa' minflok jirrestrinġi l-attenzjoni fuq il-migrazzjoni irregolari kif sar fl-orjentazzjoni parzjali tal-Kunsill.

Fir-rigward tal-ġestjoni tal-assi, il-Lussemburgu huwa partikolarment diżappuntat li dan il-kompitu ma ġiex assenjat lill-bank għall-iżvilupp tal-Unjoni Ewropea. Il-kompiti tal-Istituzzjonijiet Ewropej differenti m'għandhomx jiġu mħallta u mhux xieraq li l-Kummissjoni Ewropea tamministra l-assi f'dan il-kuntest. Barra minn hekk, il-Bank Ewropew tal-Investment huwa istituzzjoni finanzjarja soġġetta għall-istandards internazzjonali u Ewropej kollha applikabbli fil-qasam ta' governanza, b'linji ta' responsabbiltà definiti b'mod ċar u ħitan Ċiniżi, fost l-oħrajn, għall-ġestjoni tar-riskji u l-kontroll intern.

Il-Lussemburgu konsegwentement mhuwiex f'pożizzjoni li jagħti l-kunsens tiegħu dwar il-pakkett propost u għaldaqstant iddeċieda li jastjeni f'din il-kwistjoni li ma għandhiex tikkostitwixxi preċedent għal dan it-tip ta' strument fil-futur.
